QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sebgħa (7) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 343/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Maria Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Maria Camenzuli**, bint Maria Rita Camenzuli, imwielda Rabat, Għawdex fit-tlieta (3) ta' Novembru 1987 u residenti "Gnien iż-Żahar", Triq Guze' Ellul Mercer, Rabat Ghawdex, detentriċi tal-karta tal-identita numru 41687(G) talli nhar il-ħmistax (15)

ta’ Frar 2024, għall-ħabta ta’ nofsinhar, ġewwa Grima Service Station fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex:

(1) saqet vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ-593 b’manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;[1]

(2) b’nuqqas ta’ ħsieb jew bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaġunat offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta’ Lucy Grech mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioe’ li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali).[2]

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

---

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

[2] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9

Illi l-fatti f'dan il-każ huma s-segwenti: nhar il-ħmistax (15) ta' Frar 2024, il-Pulizija ġiet infurmata li kien seħħ incident stradali fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex quddiem il-pompa tal-petrol bl-isem Grima Service Station. Mill-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija, irriżulta li l-parte civile Lucy Grech kienet sfat imtajra minn vettura li kienet qiegħda tiġi misjuqa mill-akkużata. L-inċident seħħ hekk kif l-akkużata kienet dieħla fil-pompa tal-petrol bil-vettura tagħha waqt li l-istess Lucy Grech kienet qed taqsam min-naħa għall-oħra tal-pompa tal-petrol. B'riżultat ta' dan l-inċident stradali, Lucy Grech soffriet ġrieħi ta' natura gravi.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

Fl-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużata fil-ġurnata u l-ħin indikati saqet il-vettura tagħha tal-marka Mazda Demio bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 593 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont. L-artikolu 15(1)(a) jikkontempla tlett (3) tipi ta' sewqan li kollha kemm huma jattiraw sanzjonijiet penali; pero ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[3] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan. Il-Qorti qalet li:

[3] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta'*

*nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti/traskurat, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

*"... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol. XXXIX.iv.1018) u* ***Pul. Vs Alfred Vella*** *(Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.* ***Pul vs Hardingham****, 19.10.1963).*

*Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness'*

> *(App. Krim.* ***Pul vs Charles Farrugia*** *(Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul vs Antonio Spiteri*** *(Vol. XLIV.iv.892))."*[4]

Mill-provi li inġabru jidher li d-dinamika tal-inċident seħħet bis-segwenti modalita. Il-parte civile kienet miexja fi Triq Fortunato Mizzi direzzjoni lejn ir-Rabat. Hija kienet miexja fuq l-istess naħa fejn tinsab il-pompa tal-petrol bl-isem ta' Grima Service Station. Hija għaddiet minn quddiem ir-restaurant bl-isem "Haru" li qiegħed kantuniera mal-pompa tal-petrol u x'ħin waslet fejn tibda l-pompa hija bdiet taqsam min-naħa għall-oħra tal-pompa. Jidher li l-parte civile baqgħet miexja bi dritt u ma waqfitx hekk kif qorbot fil-parti fejn tispiċċa l-bankina u tibda l-pompa tal-petrol biex tara jekk kinux deħlin jew ħerġin vetturi mill-pompa tal-petrol. Fil-mument li l-parte civile waslet biex hija tibda taqsam min-naħa għall-oħra tal-pompa tal-petrol, kien hemm il-vettura tal-akkużata wieqfa f'nofs Triq Fortunato Mizzi. Preċiżament din il-vettura kienet wieqfa fil-karreġġjata direzzjoni lejn ix-Xatt, tistenna biex hija tkun tista' tikser fuq il-lemin tagħha u tidħol fil-pompa tal-petrol. Hekk kif it-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni opposta ippermetta lill-akkużata biex

[4] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.

tikser, hija għamlet dan u hekk kif kisret u bdiet dieħla fil-pompa tal-petrol, il-parte civile Lucy Grech sfat imtajra.

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha d-difiża targumenta li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-prova dwar min effettivament kien sid il-vettura u għalhekk targumenta li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx il-każ tagħha. **Din il-prova hija għal kollox irrilevanti għal dan il-każ.** Dak li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova huwa min effettivament kien qed isuq il-vettura in kwistjoni li kienet involuta fl-inċident. Din il-prova l-Prosekuzzjoni għamlitha billi ressqet lix-xhud Mark Camenzuli Abdilla, ir-raġel tal-akkużata, li għażel li jagħti d-deposizzjoni tiegħu f'dan il-każ. Huwa ikkonferma li dakinhar tal-akkadut l-akkużata (li tiġi martu) kienet qed isuq il-vettura u huwa kien passiġġier fl-istess vettura.

Minn eżami tal-fattispeċie tal-każ, b'mod partikolari tas-CCTV footages, li ġew esebiti, **din il-Qorti tqis li ż-żewġ partijiet kienu responsabbli għas-sinistru stradali li seħħ**. Fi kliem sempliċi l-inċident ma kienx ir-responsabbilita unika tal-akkużata iżda kien hemm wkoll in-negliġenza kontributorja da parti tal-vittma.

L-akkużata għandha iġġorr responsabbilita għal dak li seħħ għall-fatt li l-provi prodotti jindikaw biċ-ċar li hija ma kinitx qed iżżomm *a proper look out* fis-sewqan tagħha. L-attenzjoni tal-akkużata kienet iffukkata biss fuq il-vetturi li kien ġejjin mid-direzzjoni tax-Xatt lejn id-direzzjoni tar-Rabat u ma ikkunsidratx li biex tidħol fil-pompa tal-petrol fejn riedet

tmur, hija kienet sejra tkun qed taqsam passaġġ li jintuża wkoll mill-*pedestrians*. Qabel tagħmel il-manuvra li riedet tagħmel, l-akkużata kellha mhux biss tara li ma jkunux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta iżda wkoll li ma kinux qegħdin jaqsmu nies min-naħa għall-oħra tal-pompa jew li ma kienx hemm nies fil-parti tat-triq li tiġi quddiem il-pompa minn fejn hija riedet tgħaddi. Li kieku ipprestat tali attenzjoni, żgur li kienet tara lill-parte civile.

Kif il-Qrati tagħna stabbilew fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Vella**, *"hu dover ta' driver to see what is in plain view."*[5] Min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm *"a proper lookout."*[6] Kif intqal fis-sentenza **Newhaus vs Bastion Insurance Co. Ltd**, *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*[7] Li kieku l-akkużata bħala s-sewwieqa kellha l-konsapevolezza sħiħa ta' dak li kien qed iseħħ fil-madwar ta' fejn hija kienet tinsab bil-vettura tagħha, hija żgur li kienet tara lill-parte civile miexja fuq il-bankina fid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol u li din kienet se tgħaddi min-naħa għall-oħra tal-pompa. B'hekk l-akkużata kienet tkun fil-posizzjoni li tieħu l-azzjoni evasiva opportuna

[5] Deċiża 10 ta' Awissu 1963 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[6] Deċiża fis-17 ta' Ġunju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[7] Deċiża fl-1968.

u neċessarja fiċ-ċirkustanzi u dan billi tagħti ċans lill-istess parte civile tgħaddi qabel ma hija tkompli dieħla fil-pompa.

Għalkemm id-difiża kemm bil-linja ta' mistoqsijiet li hija għamlet lix-xhieda u anke fis-sottomissjonijiet finali tagħha tallega li l-parte civile ħarġet minn wara xi planters, dan assolutament mhux korrett. Il-filmati esebiti jindikaw kif il-planters qegħdin fil-parapett ta' quddiem ir-ristorant u aktar 'l ġewwa mill-bankina. Jidher wkoll li l-planters qegħdin jagħlqu kompletament il-parapett u ma jidher l-ebda ftuħ ieħor. Għalhekk għandu jiġi eskluż li l-parte civile telgħet minn parti oħra tal-parapett u ħarġet minn wara l-planters hekk kif ġiet fejn il-pompa tal-petrol. Il-parte civile kienet miexja l-ħin kollu fuq il-bankina u għalhekk 'l barra mill-planters u għaldaqstant ma kien hemm xejn li kien qed jostakola l-viżwali tal-akkużata mill-punt ta' fejn kienet l-istess akkużata qabel ma hija daret biex tidħol fil-pompa tal-petrol.

Il-fatt li l-akkużata ma kinitx qed iżżomm *a proper look out* jammonta għal sewqan traskurat għaliex bħala sewwieqa prudenti kienet obbligata li iżżomm tali *proper look out* fis-sewqan tagħha. Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ assolutament ma jeżistux l-estremi identifikati fil-ġurisprudenza tagħna biex is-sewqan tal-akkużata jiġi klassifikat bħala sewqan bla kont jew inkella perikoluż. Il-provi ma jindikawx li l-akkużata kienet qed issuq b'mod li kienet qed tiġi taqa' u tqum min-nies jew minn vetturi oħra li seta' kien hemm fit-triq. Lanqas ma jindikaw li l-istess akkużata ħadet riskji li ma kellhiex tieħu. Għalhekk din l-ewwel

akkuża tirriżulta biss in kwantu l-akkużata kienet qed issuq b'mod traskurat.

Mill-provi prodotti m'hemmx dubju li l-parte civile wkoll ikkontribwiet għal dan l-inċident stradali.  Huwa ċar mill-filmati esebiti li l-parte civile ma waqfitx qabel ġiet biex taqsam min-naħa għall-oħra tal-pompa tal-petrol iżda baqgħet miexja bi dritt bħal li kieku kienet għaddejja minn fuq estensjoni oħra tal-bankina.  Il-parte civile kienet taħt l-obbligu li qabel ma taqsam min-naħa għall-oħra tal-pompa tal-petrol hija tiżgura ruħha li setgħet taqsam b'mod sigur.  Fix-xhieda tagħha hija tistqarr li kienet ilha tgħaddi minn dawk l-inħawi ta' kuljum għal tmintax (18) -il sena u allura żgur li kienet pienament konxja li mill-pompa tal-petrol jkunu deħlin u ħerġin vetturi biex jagħmlu użu mill-istess pompa tal-petrol.  Għalhekk kien mistenni minnha li hija tippresta attenzjoni qabel taqsam min-naħa għall-oħra tal-pompa u tassigura ruħha li la jkun hemm vetturi li jkunu qegħdin jistennew biex jiksru jew li jkunu qegħdin jiksru biex jidħlu ġewwa l-pompa u lanqas vetturi li jkunu ħerġin minn ġewwa l-pompa.  Mill-filmati jidher biċ-ċar li l-parte civile dan m'għamlitux.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs J. Formosa** *"għalkemm il-pedestrian għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu ukoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam.  Jekk il- pedestrian ikun negliġenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juża dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinħtieġ.  Dana kollu jingħad dejjem sakemm*

*ma tkunx ġiet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."*[8]

Għalkemm kien hemm din in-negliġenza kontributorja tal-parte civile, il-Qorti pero ma tqisx li dan in-nuqqas tal-parte civile ikkrea emerġenza subitanea li jiskolpa kompletament lill-akkużata mir-responsabbilita kriminali għall-akkadut. Kif ġia ingħad, l-akkużata kellha wkoll l-obbligu li tivverifika li ma kinux għaddejjin nies bil-mixi minn quddiem il-pompa tal-petrol qabel tkompli bil-manuvra biex hija tidħol fil-pompa tal-petrol. Dan hija m'għamlitux għax kieku żgur li kienet tara lill-parte civile. Madanakollu l-fatt li kien hemm din in-negliġenza kontributorja da parti tal-parte civile sejjer jittieħed in kunsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9</u>**

Biex tirriżulta din l-akkuża huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun

[8] 32 Kollez. XLIII, p.iv. p.1023.

hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[9]

Fid-dawl tas-suespost huwa ċar li l-inċident seħħ in parti riżultat tat-traskuraġni tal-akkużata għaliex ma kinitx qed iżomm *a proper look out* fis-sewqan tagħha. Din l-azzjoni tal-akkużata wasslet – għalkemm kif ġia senjalat dan ma kienx l-uniku fatt li ikkontribwixxa għall-inċident għaliex kien hemm wkoll n-negliġenza kontributorja tal-vittma – sabiex hija involontarjament ikkaġunat feriti fuq il-persuna tal-parte civile. Kemm miċ-ċertifikat mediku esebit u ikkonfermat bil-ġurament minn Dr Nicholas Vella kif wkoll mir-ritratti esebiti jirriżulta li per konsegwenza ta' dan l-inċident l-parte civile soffriet sfreġju f'wiċċha. Infatti hija kellha ferita fuq imneħirha. Din il-ferita kien jeħtiġielha erba' (4) punti biex tingħalaq. Mix-xhieda tal-istess parte civile jirriżulta wkoll li l-ferita kaġunata damet aktar minn tletin (30) ġurnata sabiex fieqet, tant li meta hija tat ix-xhieda tagħha fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2024 (tlett xhur u nofs wara l-inċident), tgħid li kien għad baqagħlha d-demm u li kienet qed tistenna biex dan imur biex tkun tista' tagħmel xi cream.[10] Għalhekk it-tieni (2) akkuża ġiet ippruvata wkoll.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

---

[9] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

[10] Fol. 20 tal-proċess.

Għalkemm l-akkużata sejra tinstab ħatja taż-żewġ akkużi, in vista tad-dinamika ta’ kif seħħ l-inċident u anke in vista tan-negliġenza kontributorja tal-vittma, din il-Qorti temmen li ċ-ċirkustanzi tal-każ ma jimmeritawx li tiġi imposta l-piena tal-multa u wisq anqas il-piena ta’ ħabs. Il-Qorti tqis li jkun aktar idoneju li jiġi applikat l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel ordni ta’ liberta kundizzjonata.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 216(1), 225 u 226(1)(b) tal-Kap. 9 kif wkoll l-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta qiegħda issib lill-akkużata:

**(a) ħatja tal-ewwel (1) akkuża in kwantu biss kienet qegħda issuq il-vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 593 b’mod traskurat** iżda mhux qed issibha ħatja li hija saqet l-istess vettura b’mod perikoluż u bla kont;

**(b) ħatja tat-tieni (2) akkuża**.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ kif anke elaborati aktar ’l fuq f’din is-sentenza senjatament in-negliġenza kontributorja tal-vittma, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, il-Qorti **qed tillibera lill-**

**ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.**

A tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jinftiehem sew li jekk hija tagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja illum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew tottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur